~~l-opra tagħha tal-għaġeb, l-appostolat fejjiedi li wettqet u jinqara isimha ma' ta' dawk ħutha kollha li f'dak il-jum kienu ħallew id-dinja.~~

~~Oħtna Fra Pawlina De Nikolay f'ħajjitha u wara mewtha qalgħet bosta grazzji tal-għaġeb minn għand Alla għall ġid ta' ħafna msejkna, li dawn għal dak li tassew huma nħalluhom fil-ġudizzju infallibbli ta' l-Awtorità tal-Knisja.~~ ~~L-Ordni tagħna iżda jistenna li l-isem ta' FRA PAWLINA DE NIKOLAY jiġi mniżżel fir-roll tal-Beati u tal-Qaddisin; u b'mod partikulari u bi dmir tagħha wkoll, l-iżjed bit-talb lill-Mulej, dan tixtieq li jiġri bla dewmien il-Kustodja Minoritika ta' l-Art Imqaddsa.~~

~~**P. N. M.**~~

# DRIEGH IL-MULEJ FL-ISTORJA TAL-GENS LHUDI

*18. — Il-jasar tal-Lhud.*

Fi żmien Hwakim, is-sultan ta' l-artijiet tal-Lhud, Nabukkodonosor, is-sultan ta' Babilu, xteħet għal fuq innies tiegħu u ħakem fuqhom tliet snin; imbagħad Hwakim qam għalih u ħeles mill-ħaraġ li kien ħtieġlu jħallaslu dawn it-tliet snin. U l-Mulej bagħat il-kotra ta' ħallelin u nies ta' qattagħni mill-Kildija u mis-Sorija u l-karfa kollha ta' Moab u Ammon, u bagħathom iħarbtu l-artijiet tal-Lhud u kabarhom sewwa, u għamlulhom il-ħsara, kif kienu ħabbrulhom il-profeti, għaliex Alla ma kienx irid jaf bih aktar ġens il-Lhud.

U Nabukkodonosor bin-nies tiegħu niżel għal fuqhom biex iħarbat Ġerusalem, u ħakimha, u seraq u battal minn Dar Alla kemm deheb u fided u ġid li ltaqa' magħhom, u ġarr kollox miegħu fl-artijiet tiegħu. U jassar u karkar miegħu s-sultan Hwakim u l-kbarat u lin-nies kollha, u n-nies tas-snajja' u dawk li jaħdmu fil-fidda u lil ħadd warajh ma ħalla għajr il-mifluġin jew dawk li bihom ma seta' f'xejn jinqeda u ħadhom irsiera miegħu f'Babilu. U tagħhom b'Hakem l-artijiet tal-Lhud, ħallielhom lil Mattanija, ħu missier Hwakim, u laqqmu SEDEĊIJA, li jfisser **Ħaqq ta' Alla.**

U dan Sedeċija dineb ukoll quddiem il-Mulej, xejn anqas minn missirijietu. U mbagħad qam għas-sultan ta' Babilu: u Nabukkodonosor raġa' niżel fuq Ġerusalem u dawwarha binnies tiegħu u damet indawra bin-nies tas-sultan ta' Babilu dwar is-sentejn: u beda jinħass il-ġuħ f'dik il-belt, u l-ġuħ aktar żdied u għafashom, għaliex issa l-ħobż naqsilhom għal kollox, u qabdu jieklu lil xulxin.

U Sedeċija u n-nies tiegħu, fid-dalma u l-ħemda tal-lejl, ħarġu mill-belt minn mogħdija li fetħu bil-moħbi fisswar u ġibdu lejn ix-xagħri. Imma l-għases tal-għedewwa, il-Kildin, lemħuhom, u telqu lkoll għal warajhom u laħquhom. U s-sultan ta' Babilu qatel ulied Sedeċija u lilu qalgħalu għajnejh u rabtu rabta ħadid u karkru miegħu f'Babilu. U ħarqu d-Dar t'Alla u d-djar kollha ta' Ġerusalem, u ħarbtu s-swar tal-belt u ħattewhom. U jassru l-bqija tan nies, u warajhom ma telqux ħlief l-ifqar bdiewa, fosthom dawk li l-iktar jinqalgħu biex jaħdmu r-raba' u jħawlu d-dwieli.

**A. M. G.**